# Il-Knisja ta' Santa Marija ta' "Ta' Qrejċa" f'Ħal Qormi

*Tagħrif miġbur minn Mario Fenech*



*Il-Knisja ta' Santa Marija "Ta' Qrejċa"*

Fil-limiti tal-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri f'Ħal-Qormi hemm numru ta' Knejjes żgħar li nbnew fi żmien meta l-poplu Malti kien lest li jagħmel sagrificcji kbar biex ikollu fil-qrib tad-dar tiegħu post sagru fejn ikun jista' jmur għal ħtiġijiet spiritwali tiegħu. Tliet knejjes minn dawn huma dedikati lil Marija Assunta.

Dawn huma l-knisja ta' "Santa Marija Tal-Ħlas" - santwarju Marjan li jżuruh bosta devoti tal-Madonna matul is-sena li qiegħed f'tarf ir-Raħal fil-limiti li jmissu ma' dawk tal-parroċċa ta' San Filep ta' Ħaż-Żebbug. Nafu li dan is-Santwarju kien diġa mwaqqaf lura lejn is-sena 1500.

Il-Knisja magħrufa bħala "Santa Marija tal-Blat" li tinsab ftit 'il fuq mill-ġenb tal-Wied ta' Ħal-Qormi u li tissemma fir-rapport tal-vista pastorali tal-Isqof Mons. Pietru Duzina fis-sena 1575, u l-Knisja ta' Santa Marija magħrufa bħala "Ta' Qrejċa" li tinsab fl-istess triq fejn hemm il-knejjes ta' Santa Katerina u ta' San Pietru Appostlu.

Din hija Knisja ta' għamla sempliċi b'ħitan lixxi li jżommu numru ta' arkati kbar bix-xorok fuqhom li jiffurmaw saqaf lixx. L-artal waħdieni tal-knisja huwa xogħol sabiħ tal-ġebel irħamat b'tabernaklu żgħir fuqu. L-inkwatru ta' fuq l-artal huwa xogħol sabiħ ta' artist mhux magħruf.

Kienet issir il-festa tal-Assunta għan-nies tal-inħawi. Għal jum il-festa kienet tinqatel ħanżira u x-xaħam tagħha kien jinqela' u jitqassam lil dawk li kienu jmorru għall-quddiesa tal-festa wara li kienu jkunu għamlu l-visti tas-Seba' Santa Mariji . Minħabba din l-użanza, wara xi żmien din il-Knisja bdiet tissejjaħ "Ta' Qrejċa."

Il-Knisja għandha bieb wieħed b'zuntier quddiemha mdawwar b'ċint baxx. Mad-dawra tal-bieb hemm xogħol sabiħ ta' dekorazzjoni u skultura fil-ġebla.



Għandha żewġ twieqi żgħar waħda fuq kull naħa tal-bieb li jidher li kienu jintużaw biex meta l-Knisja kienet tkun magħluqa dawn kienu jitħallew miftuħin fuq il-ħadid biex min ikun għaddej minn quddiem il-Knisja jkun jista' jieqaf jgħid xi talb minn wara l-ħadid.

Il-knisja għandha kampnar żgħir b'salib tal-ġebel fuqu li jidher li xi darba kien hemm xi qniepen fih.

Bħal bosta knejjes oħrajn li għandna fil-gżejjer tagħna din il-knisja bdiet tnaqqas mill-popolarità tagħha matul is-snin, tant li kienet qegħda tiddeterjora sew biż-żmien li għadda minn fuqha.

B'xorti tajba, iżda, ftit tas-snin ilu l-knisja ġiet irrestawrata. Sar xogħol ta' irfid bil-ħadid biex jiġu ssudati l-ħitan filwaqt li sar ukoll xogħol biex dak li hemm fiha jkun fi stat tajjeb.

Waħda mill-ħafna knejjes li niltaqgħu magħhom f'Malta u Għawdex bit-titlu sabiħ t'Ommna Marija Assunta.

IL-FESTA T-TAJBA LIL KULĦADD.



*Il-Knisja ta' Santa Marija "Ta' Qrejċa" minn ġewwa*